KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 80**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Valerie Cassar Mejlak – Kunsilliera

Preżenti permezz ta' videoconferencing:

Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieġ – Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

**Minuti**
Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 80.1 Talba

80.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 80.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

80.2 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 80.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru 79

80.3.1 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab sabiex it-tweġiba tiegħu għal dak li kien qal is-Sindku dwar il-Kuntratt ta' Ġnien il-Familja u l-grownd tal-futbol, jitniżżel fl-aħħar, jiġifieri wara dak li kien qal is-Sindku. Il-Viċi Sindku talab sabiex tiżdied il-kelma Frar 2022 fil-punt 79.5.1(n). Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak talbet li fil-punt 79.5.2 jitnizzel li hija qalet ' li ma rrikordjatx pero'. Kien hemm qbil sabiex isiru dawn l-emendi u għalhekk wara li saru l-emendi, l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 80.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

a. Fit-18 ta' Novembru saret clean up oħra minn keep qala clean fi triq il-Wileġ fejn inġabru 11 il-borża rubbish. Is-Sindku stqarr li dan kien kollu skart li kien ilu hemm għal diversi snin. Irringrazzja lil voluntiera li taw sehemhom f'din l-attivita. Wara nġabar kollox bit-truck tal-kunsill.

**b. Attivitajjiet għal zmien il-Milied**
Semma li permezz ta' facebook, fid-19 ta' Novembru bdejna nippromwovu l-attivita tal-Milied li l-kunsill organizza mil-ewwel 1 sat-3 ta' Diċembru. Tqassmu wkoll leaflets f' kull skola f' Għawdex. Dawn ħaduhom il-ħaddiema tal-kunsill. Din il-promozzjoni halliet effett pozittiv għax speċjalment is-Sibt attendew ammont kbir ta nies. Skantajna kemm tfal u familji ħadu ritratti ma father Christmas u impustaw wkoll ittri lil father Christmas. Irringrazzja lis-Segretarja Heidi Grech, lil iskrivani Maria, Roseanne u issa wkoll lil Sabrina, lil haddiema ta' l-id tal kunsill li flimkien ħadmu u ħarget attivita li tfaħħret minn diversi nies u talbuna biex sena oħra terġa ssir. Din l-attivita kienet possibbli b'fondi miksuba mill Ministeru għal Għawdex u mid-Dipartiment tal-kunsilli lokali.

Semma li twaħħlu żewġ ornamenti tal-Milied mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex waħda quddiem il-kunsill u l-oħra fuq iz-zuntier li kollha jkomplu jagħtu atmosfera tal milied. Magħhom fil-pjazza zzejnu s-siġar tal-pjazza u reġat saret is-siġra tal-Milied. Fil-



PB

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kunċizzjoni saret ukoll siġra tal-Milied oħra. D-dwal ta' triq 28 ta'april din is-sena ma sarux minhabba x-xogħolijiet li għaddejjin f'din it-triq.

Bħas snin imgħoddija l-kunsill lokali flimkien mal kunsill reġjonali ser jorganizzaw ikla li ser titqassam fil-ġurnata tal Milied. Din l-ikla ser titqassam nhar il-Milied stess. Din is-sena zanzanna għall ewwel darba il-fence madwar il-Christmas tree li tpoġġiet fil-pjazza. Dan sar mill-Ministeru Għal Għawdex u ħadmu fuqu it tim ta Joseph Cauchi.

c. Saru wkoll 32 blokka tas-siment ġol-bramel tal-plastic u ntużaw għat-tinet li xtara l-kunsill. Dan xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill u li se jservu għal aktar il-quddiem. Il kotba li tneħħew mil-librerija tpoġġew fil-kuridur tal-kunsill biex min jrid jagħżel minnhom u jagħti donazzjoni li tmur għall-akkwist ta' kotba ġodda.

d. Żid jgħid ma dak li kien qal fil-laqgħa tal-kunsill preċedenti rigward il-laqgħa li kien żamm hu, flimkien ma Lorne u Refalo. Semma li l-minuti ta' dik il-laqgħa kienu ntbatu lil kunsilliera fl-20 ta Mejju 2021.

e. Semma li fl-aħħar laqgħa kif ukoll f' ta qabel saret oġġezzjoni mill-Kunsilliera Karl, Valerie u Ivan li jitħallas il-kont ta' Dr. Claire Bonello, ħlas li kien ikopri xogħol eċċellenti li għamlet biex irnexxielna nsalvaw lil Hondoq. Żid jgħid li dan minflok li ngħidulha prosit u grazzi tax-xogħol impekkabbli li wettqet b'dedikazzjoni. Kompla jgħid li hu f'kazijiet ambjentali għandu biss fiduċja fiha. Staqsa lill-membri sabiex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għal dan l-oġezzjoni. Il-Viċi Sindku stqarr li ma jaqbilx minħabba li tqabbdet b'direct order. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab lis-Sindku sabiex jippreżenta l-kwotazzjonijiet u jekk kienu nġabru ma jkollux problema li din titħallas. Is-Sindku stqarr li minn meta l-Kunsill kien taha x-xogħol inqala aktar xogħol miegħu u telgħu diversi drabi l-qorti u dan kienu għaddewh bħala kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li mhux lest li jaqbel sabiex jitħallsu direct orders. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li ġaladarba kien hemm qbil mill-Kunsill li titqabbad Dr. Bonello u lanqas inqabeż il-capping, din għandha titħallas. Kien hemm qbil sabiex dan il-kont ta' Dr. Bonello jitħallas u jidħol fl-Iskeda ta'Pagamenti tax-xahar li jmiss. Il-pagament jista jgħaddi qabel il-laqgħa li jmiss.

f. Sar it-tindif ta' katusa li hemm fi triq il-kunċizzjoni minħabba li din kienet qed tiġi bblokkjata wara li min kien qed jibni fil-viċin kien qed jaħsel it-trukkijiet tas-siment hemm.

g. Semma li l-proġett tar reverse osmoses li sar f'Hondoq rebaħ il-premju prestiġjuż tal-Energy Globe Award 2023. Dan il-proġett ġie rikonoxxut bħala proġett state-of-the-art li offra lill-gżira Għawdxija provvista sigura tal-ilma matul is-sena kollha, b'operat sostenibbli li huwa effiċjenti fl-użu tal-enerġija.Prosit lit-tim kollu tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma! Semma wkoll li din il-binja kienet fil-mira ta' l-ispekulaturi biex titwaqqa u sssir multi storey car park u kif hu personalment kien ħareġ dan kollu fil-media għax kieku llum ma sarx reverse osmosis.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

h. Semma li l-Kunsill ingħata 90 xitla perinjali mill-MGOZ biex jitħawlu madwar il-Qala u tħawwlu diġa f'diversi postijiet bħal fi triq l-imgarr quddiem id-dog park fejn tħawwlu madwar 70 xitla. Sar ukoll żbir ta diversi siġar tal yukka li hemm fi triq l-Mgarr mill GEB li hi l kumpanija l-gdida. Dan ix-xoghol ma tħallasx mill kunsill.

I Semma li twahhlu it-tlett fanali li kien jonqos fir-roundabout ta' Patri Ġużepp Portelli magħhom saru wkoll il-bollards bħala protezzjoni biex ma jintlaqtux. Jonqos li jitwaħħlu l-ispot lights.

j. Semma li bdew il-pjanijiet tax-xogħol dwar il postijiet li fihom se jsiru CCTV kif ġie approvat mill-kunsill. Kompla jgħid li se jagħti aktar informazzjoni dwar dan fil-laqgħa li jmiss

k. Semma li x-xogħol ta' Triq it-28 ta' April 1688 miexi b`rittmu tajjeb hafna u l-ħaddiema dejjem gew ħadmu fuq il-post u damu sa tard bil lejl kuljum ħlief is-sibt li jieqfu ghall xi sija ta wara nofsinhar. Is servizzi kollha lesti drenaggi, main ta' l-ilma fuq kull naħa tat-triq, tqegħid ta HT cables u r-raising main tad drenagg lest wkoll. Issa baqa xi servizzi ġodda fi triq il-Wardija.

Semma li nstabet biċċa asbestos li tpoġġiet fi triq 28 ta' April minn xi ħadd. Dak il-każ ingħalaq. Kompla jgħid li kumbinazzjoni l-istess kien ġara meta kien għaddej il-kaz ta' Hondoq, fejn litteralment xi ħadd poġġa asbestos fuq il-bajja.

Semma wkoll dwar il każ tal-ilma li daħal f'zewġ garages li qegħdin taħt l-art. Semma li hu mgħarraf li l-Kunsill ircieva complaint wieħed u batnih għal parir tal-avukat Dr. Scerri. Kompla jgħid li mnalla din is-sena m'għamlitx ħafna xita għax kieku meta kien miftuħ il-gandott għal-high tension kien ikollna problemi enormi. Kompla jsostni li hu għalhekk ried li x-xogħol isir fis-sajf ħalli ma jkollniex problemi bhal dawn għaliex kieku skont hu sal-lum ix-xogħol kien ikun lest u l-Kunsill kien iżejjen it-triq għal Milied. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li kieku bdiet meta qal is-Sindku, xorta għamlet ix-xita filwaqt li l-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li minbarra hekk, kieku saru meta qal is-Sindku, kien joqtol ir-restoranti. Il-Viċi Sindku wkoll stqarr li kieku beda qabel ix-xogħol, xorta ma kinitx se tkun lesta sa meta tibda x-xita.

L. Is-Sindku għamel referenza għal dak li qalet il-Kunsilliera Valerie C Mejlak fil-laqgħa li għaddiet, dwar li Conette Portelli attendiet laqgħa ma TM f'isem il-kunsill minghajr ma hu kien infurma lis-segretarja jew lil kunsill. Stqarr li ccekja magħha u kkonfermatlu li dik il-laqgha talbita hi personali fuq inizjattiva tagħha, u peress li l-ewwel appuntament li kellha tħassar, uffiċjal minn TM talbu sabiex jagħtih in-numru tat-telefon tagħha. Semma li minkejja li hu kien jaqbel li tmur Connette din marret waħeda u fl-ebda ħin ma kienet qed tirraprezenta lil Kunsill lokali Qala u żid li dan jista jiġi kkonfermat magħha.



PB

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak kompliet illi minkejja dan, hi marret bl-approvazzjoni tiegħu.

m. Semma li attenda flimkien mal-għalliema tal-iskola primarja tal-Qala sabiex inxtraw il-kotba li l-Kunsill ser jagħti lill-istudenti li jattendu fl-iskola primarja. Dan biex nippromwovu l-qari.

o. Semma li l-fanal li inkiser fi Ġnien il-familja kien tmermer biż-żmien minn ġos-siment u għalhekk ħadu biex bit-trukk tal-Kunsill sabiex ġiet iwweldjata biċċa kanna oħra.

p. Informa lil-membri li kien sar it-trattament tal-white fly. Dan sar billi issaqqew is-siġar li skont il-Kuntrattur dan il-metodu hu effettiv ferm.

q. Semma li sabiex inkomplu mal-kampanja Keep Qala Clean, issuġġerixxa li nixtru u nqassmu lir-residenti boroz tar recycling peress li dawn ilhom ma jingħatawlna biex inqassmu madwar il-Qala. Il kunsill qabel ma dan.

Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet sabiex tiġi skużata mil-laqgħa u ħarġet mill-kamra.

r. S-Sindku enfasizza li l-art ta' Gnien il-Hajja għaddiet għand Sport Malta għax kien għalaq il-kuntratt li kien hemm għal-ħmistax il-sena biss. Kompla jgħid li min għamel dan il-kuntratt messu ra li għamlu għal-zmien ferm itwal. Semma li meta tinqala xi diffikulta jew problema, kull ma jigri huwa t-tort tas-sindku. Kompla jgħid li ma jafx għaliex qed jiġi attakkat hu biss dwar dan il-kaz meta fil-fatt, bħal ma ammetta fil-laqgħa urġenti, il-viċi Sindku kien jaf b'din it-talba u ma infurmax lil dan il-kunsill. Hu qal li kieku kien jaf ma konniex inqabdu l-perit u nonfqu ammont sostanzjali ta' flus biex applikajna fuq dik l-area u nsista li hu ma kien jaf b'xejn. Semma li kien diġa iffirma għal-ħames snin oħra peress li dan il-kuntratt kien jiġġedded kull ħames snin. Qal li la issa din l-art qegħda f'idejn il-club tal-football ghandna naghtuhom is-sapport u mhux naghmlulhom il-bsaten fir-roti.

S. Is-Sindku qal li kieku l-Viċi Sindku kkomunika miegħu mill-ewwel, kien ikun jaf li hu kien diġa nfurmat dwar ix-xewqa ta' xi wħud li l-carcade tal-Kunċizzjoni tgħaddi mill-pjazza u li hu kien diġa ħa l- passi u tkellem ma' Fr Charles filgħodu l-ewwel xogħol u l-kuntrattur. Kompla jgħid li kien diġa wieġeb lil dik il-persuna li tablet lil Ivan u nfurmah li l-Kunsill kiteb lill-Kuntrattur pero qal li l-Viċi Sindku jagħżel li jaqbżu u ma jgħidlux. Għalhekk ippreżenta u qara l-imejl li għaddiet bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur. It-tweġiba tal-kuntrattur kienet li fuq parir tal-OHSA jkun aħjar jekk ma jgħaddux minnha b'muturi biex jiġi evitat kull periklu. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ wieġeb li jekk Ivan għamel minn wara darhu, anka hu għamel minn wara dahar kulħadd għax ma nfurmax lill-Kunsill. Karl staqsih kif jista xi ħadd ikun jaf li hu qed jieħu ħsieb jekk ma tgħid xejn lil ħadd.



PB

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

t. Semma li xħin għamlet ix-xita, niżel ħafna tajn u ġebel mill-area ta' Kassja fejn qed isir il-bini, Dan spicca fejn il-water culvert fi triq il-kuncizzjoni. Il-kunsill kiteb liż-izvillupatur u sa issa ma rċivejna l-ebda risposta.

## 80.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**Mill-Viċi Sindku Ivan Cefai:**

a. Fil-Kunċizzjoni hemm siġra li għandha zokk marbut ma siġra u kien ikun tajjeb li kieku nbidlet l-injama li qeda għas-support qabel il-festa. Is-Sindku semma li dak kien rabtu hu flimkien mal-ħaddiem b'mod temporanju minħabba li ma setgħax jitranġa dak il-ħin.
b. Ippreżenta ritratti ta' tabelli bl-arma tal-Kunsill tax-Xagħra li jinsabu mwaħħlin fil-Ġnien tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jitneħħew.
c. Semma li xorta għaddejjin trukkijiet minn Triq il-Mitħna anka matul il-lejl.
d. Staqsa dwar ir-revenue mill-permessi. Is-Seg. Ezekuttiv spjegat illi dawk jidħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill.
e. Semma kieku għal Milied ieħor ikun tajjeb jekk isir festoon mas-siġra li hemm fir-roundabout ta' Ċini. Semma li f'din l-istess roundabout hemm fanal mitfi.
f. Ressaq talba sabiex isiru double yellow lines jew 'Keep Clear' quddiem Sqaq tal-Wardija.
g. Semma bozoz li jinsabu mitfijin fuq il-Belveder u oħra fi triq l-Imġarr.
h. Staqsa dwar jekk sarx il-bexx ta kontra l-White Fly. Is-Sindku nfurmah li sar fil-ġranet ta' qabel il-laqgħa.
i. Semma l-bżonn li jsir Trimming tas-siġar tal-pjazza. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ żid li hemm bżonn li napplikaw kmieni għal heavy pruning.
j. Semma d-dranaġġ li qed jitbattal il-Kunċizzjoni. Is-Sindku nfurmah li kien tah il-kelma li mhux se jerġa jiġri u talab lil Viċi Sindku biex jekk jiġri jinfurmah minnufih.
k. Semma gradilja li tinsab fejn il-kunvent tas-sorijiet u li għandha bżonn titranġa.
l. Ressaq ilment dwar il-fatt li quddiem l-ispizerija ma kienx qed jinkines mill-Kennis tal-Kunsill u qal li għandu nformazzjoni li s-sweeper għandu ordni biex ma jiknisx ma dik in-naħa. Is-Sindku wieġeb li dan ma hu veru xejn. Is-Seg. Ezekuttiv ħadet nota sabiex tassigura li dan il-post jinkines.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. Għamel referenza għal minuti li ġew mehmuża mal-minuti. Stqarr li għal dik il-laqgħa l-ebda membru tal-Kunsill ma kien preżenti għaliha u għalhekk is-Segretarju ta' dak in-nhar u s-Sindku setgħu kitbu li riedu.
b. Semma li l-fatt li mhux aċċettabli li l-Minuti tal-Kunsill saru transcripts. Is-Segretarju Eżekuttiv qablet miegħu u żiedet li ma jistax ikun li kulħadd jippretendi



PB [signature]

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

li jinkiteb kull ma jkun qal hu kelma b'kelma. Il-Minuti għandhom juru biss id-deċiżjonijiet u l-pjanijiet li jkunu ġew diskussi għaliex min ikun irid jisma l-laqgħa kollha jista jirreferi għar-recordings li jinsabu aċċessibli online.

c. Reġa fakkar dwar il-bozza li kien ressaq sabiex issir fi ~~Pjazza~~ Triq San Ġużepp għaliex ir-residenti għadhom fi dlam ċappa. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li qed tistenna risposta mingħand l-electician għaliex kellu jara mal-Enemalta fejn l-aħjar li teħel.

d. Staqsa fejn waslet iz-Zebra Crossing li ilha se ssir snin u għada ma saritx. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li talbet lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jgħinu biex issir, pero' jekk sal-aħħar tas-sena ma tkunx saret, il-Kunsill se jieħu ħsieb li din issir mill-fondi tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

e. Staqsa jekk hemmx indikazzjoni dwar meta se titlesta Triq it-28ta' April 1688 u s-Sindku infurmah li x-xogħol miexi b'rittmu mgħaġġel. Is-Sur Buttiġieġ staqsa dwar kif se jsiru l-kurduni u l-gutters u s-Sindku nfurmah li dawk huma parti mit-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma humiex u se tkellem lil Perit dwar dan.
Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ, qara estratt mill-minuti tal-laqgħa preċedenti u talab lis-Sindku sabiex jippreżenta l-istqarrija tal-MGOZ hekk kif kien stqarr f'din il-laqgħa. Is-Sindku ssuġġerilu jagħmel mistoqsija parlamentari lill-Ministeru Għal Għawdex jew ikellmu lil Ministeru u jirrispondu huma. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talbu jekk almenu jistax iġib email mill-MGOZ dwar dan u s-Sindku qallu li jipprova pero qallu li għandu jistaqsi lil min ma kienx inkluda l-addendums fit-tender. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li se jistenna 15-il ġurnata għal din l-imejl jew stqarrija mill-MGOZ.

f. Semma kif triq għada ma ngħatatx it-tieni kisja tarmac filwaqt li saru żewġ toroq oħra fil-Qala. Is-Sindku qal li jaqbel li għandha tingħata t-tieni passata u ssuġġerixxa li nerġgħu niktbu lill Ministeru. Il-Kunsillier Buttiġieġ semma wkoll li kellu jkompli x-xogħol f'parti minn Triq il-Wardija u parti minn Triq il-Mitħna kif ukoll fi Triq il-Ġdida, fejn il-Mużew.

g. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ għamel referenza għal dak li reġa qal is-Sindku dwar Ġnien il-Familja. Qal li min kien Sindku dk iż-żmien għamel pass għaqli u ġab l-art skont l-ammont ta' snin kif itik il-Lands. Wara ħmistax il-sena, kif jaf kulħadd dak il-Kuntratt kien ġie ffirmat imma d-deċiżjoni tal-maġġoranza tal-Kunsill kien li jitħassar u nitilfu parti kbira. Staqsa lis-Sindku jikkonferma li għadda għand il-Qala St. Joseph Football. Is-Sindku wieġeb li se jiċċekja u jwieġbu fil-laqgħa li jmiss.

h. Semma kif il-vouchers li kull sena jingħataw mill-Kunsill ma ngħatawx mill-Kunsilliera bħal ma jsir is-soltu. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li s-Sindku nfurmha li dawk jingħataw mill-uffiċċju.

i. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa lis-Sindku jekk il-Log Book kienx sarx. Is-Sindku wieġeb li le ma kienx sar. Il-Kunsillier Buttiġieġ stqarr li kulħadd irid ikun accountable u trasparenti u jekk dan jibqa ma jsirx se tintalab direzzjoni mid-DLG. Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li la huwa bil-liġi, l-logbook għandu jsir.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 80.6 Tisbiħ fil-Librerija u akkwist ta' għamara

80.6.1 Is-Segretatju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-Sa Eliżabeth Ebejer talbet li ssir lista oħra ta' għamara li kien hemm bżonn għal-librerija sabiex jikkumplimentaw dik l-għamara li kienet tlestit. Minħabba li huwa mportanti li issa l-għamara tkun taqbel ma dik li diġa saret intalbet kwotazzjoni għal din l-għamara mingħand l-istess mastrudaxxa li kien għamel l-oħrajn, jiġifieri mingħand Refalo Woodworks Ltd. L-kwotazzjoni tammonta għal €3990 (Vat eskluż). Is-Sindku semma l-importanza li x-xogħol ikun ta kwalita tajba u kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jipproċedi b'din il-kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li se jkunu qed jinxtraw l-affarijiet l-oħra li hemm bżonn sabiex din tkun tista titlesta u terġa tiftaħ kemm jista jkun malajr.

## 80.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti

80.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tisbiħ tal-Latrina li tagħlaq fil-21ta' Diċembru 23.

80.7.2 Kien hemm offerta waħda għall-akkwist tal-fanali u ġie ppreżentat ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni li rrakkomanda li l-offerta tingħata lil XT Malta Ltd għal ammont ta' €21,965.80 (Vat eskluż) minħabba li kienet l-offerta l-aktar vantaġġuza kif ukoll konformi mar-rekwiżiti mitluba. Il-Kunsill approva r-rapport tal-bord.

80.7.3 Reġat ħarġet is-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-Knis li tagħlaq fil-5ta' Jannar 2024. L-offerti għas-servizz tal-Bulky Refuse għadhom fi stadju ta' evalwazzjoni.

### 80.8 Kas Said vs Qala Local Council u pagament

80.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-korrispondenza li rċeviet mingħand l-Avukat tal-Kunsill Dr. Scerri li kienet it-tweġiba min naħa tal-avukat ta' Said. Huma kienu qed jaċċettaw l-ħlas bl-ammont ta' €13,200. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li bħal ma kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, sar il-pagament dovut lil Said bin-numru tac-cheque APS10131.

### 80.9 Arretrati dovuti lis-Sa RoseAnne Azzopardi u Vakanza ta' Handyman fuq bażi part-time.

80.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-ammont dovut f'arretrati lis-Sa Azzopardi li jkopru s-snin minn 2013 sal-lum huwa dak ta' €14,317.72 .

Dwar il-Performance Bonus, minħabba li ma nstabx approvazzjoni la mis-Segretarju Ezekuttiv ta' dak iż-żmien u lanqas tal-Kunsill, dawn ma segħux jiġu meqjusa. Pero' nstabet korrispondenza li turi li l-Kunsill ried itiha l-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

bonus għas-snin 2020 sa 2022 u għalhekk is-Segretarju Ezekuttiv irrakomandat li l-bonus għal dawn it-tlett snin jingħata. Kien hemm qbil unanimu sabiex sew l-arretrati msemmija kif ukoll il-bonus ta' 6% għal dawn it-tlett snin jingħata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li saret korrispondenza ma Dr. Mariella Silvio li hija l-Avukata tad-DLG sabiex il-Kunsill kien iggwidat f'dan ir-rigward u l-workings ġew verifikati wkoll mill-Accountant tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li dan il-pagament ser jgħaddi fl-iskeda ta' pagamenti li jmiss.

80.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-applikazzjonijiet għal-vakanza ta' Handyman fuq bażi part time għalqet. Irċivejna applikazzjoni waħda. Hadd mill-membri ma xtaq ikun membru fuq il-bord tal-għażla u għalhekk ġie maqbul li l-bord għandu jiġi kompost minn individwi indipendenti li huma, L-Accountant John Buttiġieġ, id-Direttur Mark Formosa u s-Sindku.

## 80.10 Bye-Law Hondoq Bay u Bye-Law Sala tal-Kommunita'.

80.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li saret laqgħa mas-Sa Amity Gauci fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex flimkien ma Dr. Silvio mid-DLG kif ukoll ma żewġ Seg. Eżekuttivi u Sindki oħrajn li ukoll għandhom bajja fil-konfini tagħhom. Dan sabiex flimkien ġie diskuss il-bżonn li ssir Bye-Law u jiġu ndirizzati issues li ma humiex koperti b'liġijiet oħra. Ġew diskussi diversi punti li għad iridu jerġgħu jiġu diskussi aktar. Kien hemm qbil sabiex nitolbu lil avukat tal-Kunsill Dr. Scerri sabiex jibda jsir il-qafas tal-Bye Law. Ġie diskuss u maqbul li ssir ByeLaw oħra dwar il-faċilitajiet tas-Sala tal-Kommunita'. Dan sabiex il-Kunsill ikollu l-faċilita li jekk ikun irid, jkun jista jitlob ħlas għal użu tas-sala.

## 80.11 Korrispondenza, Materja Amministrattivi, Imenti u Suġġerimenti.

80.11.1 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar il-programm ERDF/CF/JTF Programme Priority 4 – Policy objective 5 fejn il-Kunsilli ġew mħeġġa jipproponu proġetti li jaqaw f'dawn il-prioritajiet. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li resqet żewġ proġetti, wieħed għall-akwist ta' Community Van u proposta oħra għal renovar tax-Xelter tal-Pjazza.



PB

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

80.11.2 Il-Kunsill irċieva l-ħlas tal-programm Nessie, liema ammont huwa ta' €30,000.

80.11.3 Is-Seg Ezekuttiv infurmat lill-kamra li l-Kunsill ordna 15 il-ikla għall-anzjani li jgħixu waħedhom u bħas-soltu jitqassmu f'Jum il-Milied.

80.11.4 Notifika ta' appell Nru 18/22 b'referenza għal PA/08900/20 li sar il-Hamis, 30 ta' Novembru 2023 kif ukoll appell Nru 369/23 b'referenza għal PA/08082/21.

80.11.5 Ċirkulari numru 20/2023 dwar proċeduri ta' Set Off bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Wasteserv.

80.11.6 Kopja ta rċevuta għall-donazzjoni ta' € 223.10 li ngħatat lil Puttinu mill-Kunsill. Il-Fondi nġabru mir-ritratti li ttieħdu ma Father Christmas fejn kellna 120 ritratt. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ issuġġerixxa li jitla post fuq il-facebook tal-Kunsill dwar dan. Kien hemm qbil dwar dan.

80.11.7 Direttiva Numru 1/23 dwar il-Performance Appraisal tas-Segretarji Eżekuttivi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet il-kamra. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata 10%. Is-Seg. Eżekuttiv irringrazzjat lill-membri ta' dan.

80.11.8 Imejl datata 23ta' Novembru 2023 mingħand is-Sinjur Cremona b'talba għal-kumpens dwar ħsarat li ġarrab minħabba volum kbir ta' ilma li daħal fil-propjeta tiegħu konsegwentament tax-xogħolijiet li għaddejjin fit-toroq. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li talbet il-parir tal-Avukat tal-Kunsill u qalilna li huwa l-Kuntrattur li huwa responsabbli għal dan.

80.11.9 Imejl datata 23 ta' Novembru 2023 mingħand residenta fi Triq it-30ta' Ottubru 1948, minħabba għarar wara x-xita. Is-Sindku nforma lil membri wkoll dwar dan.

80.11.10 Imejl mingħand il-PA dwar l-iskema Sebbaħ il-Lokal li ġiet varata fl-2019 fejn ġejna nfurmati li l-Kunsill tal-Qala qed jibbenifika minn ammont addizzjonali ta' €50,000 minħabba li l-bilanċ tal-fondi tal-kunsill mal-istess Awtorita huwa anqas minn €100,000.

80.11.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat iċ-ċirkulari li ppreparat għall-għalliema kollha li jixtiequ jtellgħu korsijiet fil-Qala. Dan sabiex kif kien ġie maqbul, minn



PB

din is-sena, l-għalliema kollha jitħallsu bl-istess rata, kif ukoll dawk kollha li huma nteressati joffru korsijiet jinfurmawna ħalli nkunu nistgħu nippreparaw skeda ġdida għar-residenti. Ġie maqbul li l-korsijiet jiġu offruti għal prezz minimu ta' €1.50 kull siegħa sabiex nassiguraw li jkun hemm attendenza regolari. Il-Kunsillier J Buttiġieġ issuġġerixxa li nżidu li biex kors jiftaħ, irid ikun hemm mill-anqas 8 applikanti residenti fil-Qala. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

80.11.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li fit-8 ta' Diċembru irċivejna imejl mill-Housing dwar l-applikazzjoni li ssottomejna mal-Housing Development Fund sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ fi Ġnien il-Familja. Is-Seg. Eżekuttiv ġie mistieden sabiex jipprepara presentation dwar il-proġett u jattendi għal meeting nhar it-8ta' Jannar 2024. Il-Perit Godwin Sultana ġie mitlub jipprepara il-presentation u jattendi għall-meeting mitlub.

## 80.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Ġew ippreżentati l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 14/2023 għal perjodu ta' bejn is-16 ta' Novembru 2023 u l-14ta' Diċembru 2023 li tammonta għal €59,856.37 kif ukoll skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/2023 li tammonta għal €18,303.45 u li tkopri l-pagamenti dovuti għal xogħolijiet li saru pero li ma kienux koperti b'kuntratt u għalhekk kienu meqjusa bħala direct order. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li minkejja li ttieħdet azzjoni sabiex dan ma jkomplix isir, talbet direzzjoni min naħa tad-DLG dwar dawn il-pagamenti pendenti. L-iskeda bin-numru 14/2023 ġiet unanimament approvata u kien hemm qbil li nistennew direzzjoni min naħa tad-DLG dwar skeda 13/2023. Ġiet ippreżentata u approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Novembru 2023 sad-data tal-lum.

## 80.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.50pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 24ta' Jannar 2024 fl-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

'Anex 1'

KUNSILL LOKALI
QALA

**COUNCIL RESOLUTION**

No: 01/2024

Whereas Qala Local Council agree during Council meeting number 81, held on the 24th of January 2024 and appoint the Executive Secretary the following:

It is being resolved that the Qala Local Council withdraws the balances in all the below mentioned accounts and closes same accounts held with Bank of Valletta. Funds withdrawn will be deposited in APS Current Bank Account held in the name of Qala Local Council, with account number 12216530020.

<u>BANK ACCOUNT NUMBERS HELD WITH BANK OF VALLETTA.</u>

i. Account Number 40022175928 – Balance as on 03/01/24-€15,344.17

ii. Account Number 40021897304 -Balance as on 03/01/24-€18.23

iii. Account Number 40022462372-Balance as end Dec 23-€12.52

iv. Account Number 40019274175-Balance as end Dec23-€587.04

This resolution is being approved by the Mayor, Councillors and Executive Secretary at the meeting of the Qala Local Council held on this day, Wednesday the 24th of January 2024.

**Mr Paul Buttigieg**

**Mayor**

**Ms Heidi Grech**

**Executive Secretary**

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta

+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

'Anex 2'

LIST OF INVENTORY ITEMS TO BE DISCARDED

| REF | ITEMS |
|---|---|
| | |
| | 50 chairs with material |
| | 1 Metal board approximately 30inch by 24 inch |
| | 7 Wood and Metal Chairs |
| | 2 Computer Towers S/NO:056537, RX4CL00326. |
| | 2 Monitors S/NO:013552805 , S/NO. 309CP24LE397 |
| | 1 Telemalta Telephone |
| | |
| | |
| | |
| | |

SIGNED

Paul Buttigieg – Mayor

Heidi Grech – Exec. Sec.

APPROVED DURING MEETING NO:

24th January, 2024




Service Call Centre
Tel:25992777
INVT38974


7500
COMPAQ


7500



